**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 ta' April, 2017

Talba Numru: 347/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 34

**DHL International Limited (C6576)**
**Cargo Village**
**Malta International Airport**
**Luqa**
**vs**
**Safe Hands International Limited (C46687)**
**13, Curate Fenech Street,**
**Birzebbugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-30 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta' attriċi talbet mingħand is-Socjeta' konvenuta s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€851.59c) ghal servizzi ta' couriers tas-Socjeta' attrici moghtija lis-Socjeta konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-Socjeta' konvenuta giet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, is-Socjeta' konvenuta ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li s-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€851.59c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**